# IS-SEMINARJU TA' BETLEHEM



Tispiċċa qalb niesek minħabba fiċ-ċensiment, u dawn ma jilqgħukx għandhom. L-uġiegħ tal-ħlas beda u m'għandekx post fejn ser twelled. Wisa' fil-lukanda m'hemmx. Dan kollu wara xhur li matulhom il-pjanijiet kollha ta' ħajtek tqallbu waħda u sew ta' taħt fuq. Messaġġiera ta' Alla jidħlu għandek u f'nifs wieħed iferrħuk u jħabbrulek ħwejjeġ li kienu ser jiġru f'ġismek li ma jitwemmnux. Messaġġiera oħra jinvadu l-ħolm tiegħek u jgħidulek x'għandek tagħmel u x'mgħandekx tagħmel. Kunflitti u tensjonijiet ma jonqsux. Vjaġġ lejn l-għoljiet tal-Lhudija għand il-qraba li kienu qed jgħixu ċirkustanzi simili. Minn banda tara l-bibien ta' ħutek jinstabtu f'wiċċek u minn oħra tara t-twieqi ta' Alla jitbexxqu. Fejn taqbad tagħti rasek? Biex għandek tinkwieta l-aktar? Soluzzjoni hemm, imma mhix dik konvenzjonali. Il-maxtura jkollha tinqaleb ta' taħt fuq u sservi ta' benniena. Twelled l-ewwel iben tiegħek u min jiġi jarak u jifraħ bik? Nies xellerati, ċassi u miblugħa għax ma jistgħux jemmnu lil għajnejhom. Aktar ħolm. Aktar intoppi. Aktar vjaġġi bil-lejl li minbarra l-fatt li jnaqqrulek kulma jkollok fil-but tħosshom jibdluk fi klandestin. F'nofs dan kollu, tifkira mill-isbaħ tat-tjubija tal-għorrief imdawwla li tiswa' aktar mid-deheb u tfuħ aktar mill-inċens u mirra tagħhom.

U dan kollu għadu sejjer. Fuq naħa l-erba' pjanijiet u proġetti tagħna u fuq in-naħa l-oħra l-ħsibijiet u l-pjan ta' Alla. Betlehem m'għadhiex aktar l-iżgħar fost l-bliet ta' Ġuda. Fiha t-toroq jingħaqdu. Fiha l-pjanijiet ta' Alla jitwaħħdu ma' dawk tal-bniedem. Fiha n-natura ta' Alla u tal-bniedem jiġu mfisqija flimkien. Fiha dak kollu li hu tal-bniedem isir ta' Alla u dak kollu li hu ta' Alla jsir tal-bniedem. Mir-raba' fl-inħawi ta' Betlehem għadha tidwi f'widnejn dawk kollha msejħa biex jgħassu l-merħla billejl din l-aħbar, "Tibżgħux, għax araw, qiegħed inħabbrilkom ferħ kbir, ferħ li se jkun għall-poplu kollu. Illum, fil-belt ta' David, twildilkom Salvatur, li hu l-Messija, il-Mulej."

Ejjew immorru Betlehem ħa naraw x'ġara kif għarrafna l-Mulej.

Dun Joseph Bajada
*Rettur tas-Seminarju*

## *Grazzi u Merħba...*

Il-komunità tagħna tixtieq tawgura lill-**Kan. Richard N. Farrugia**, li ġie maħtur mill-E.T. Mons. Anton Teuma, bħala Arċipriet tal-Parroċċa tat-Twelid ta' Marija ġewwa x-Xagħra. Dun Richard kien ilu jagħti s-servizz tiegħu ġewwa s-Seminarju tagħna għal dawn l-aħħar għaxar snin. Hu serva fi tliet karigi: bħala Prefett tal-Istudji, imbagħad bħala Viċi-Rettur u għal dawn l-aħħar seba' snin bħala Rettur.

Inroddu ħajr ukoll lil **Dun Samuel Grech** li matul dawn l-aħħar tliet snin ta s-servizz tiegħu bħala Viċi-Rettur.

Il-Komunità tagħna tagħti merħba lil **Dun Joseph Bajada** li ġie maħtur minn Mons. Isqof bħala Rettur tas-Seminarju. Miegħu nifirħu wkoll lil **Dun Gabriel Gauci** li ġie maħtur bħala Viċi-Rettur.

Nagħtu merħba ukoll lis-seminaristi li qed jibdew l-ewwel sena: **Jamie Buttigieg** mill-Parroċċa tan-Nadur u **Jeremy Scicluna** mill-parroċċa tal-Katidral.

Fi tmiem il-ħidma tagħhom fis-Seminarju, nirringrazzjaw ukoll lis-**Sa Mary Cini** u lis-**Sa Rita Hili** tax-xogħol u d-dedikazzjoni tagħhom tul dawn l-aħħar snin. Fl-istess waqt nifirħu lis-**Sur Laurence Galea** u lis-**Sa Veronica Camilleri** fil-bidu tal-ħidma tagħhom fis-Seminarju.

sem&u

**Diċembru 2023**
**Ħarġa nru 25**

***Is-Seminarju u Int***
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex   www.sacredheartseminary.org.mt
2155 6479   rector.seminary@churchingozo.mt

# "ALL I WANT FOR CHRISTMAS IS YOU"



*Anthony Joe Borg, 23 sena*



*Fabio Cini, 23 sena*

### Fejn kont bħal dan iż-żmien sena?

Fl-Oratorju Salesjan Michele Rua, ġewwa Turin fl-Italja.

Fil-parroċċa ta' Santo Hermano Pedro, fid-djoċesi ta' Izabal, fil-Gwatemala.

### Semmi tradizzjoni tal-Milied tipika tal-post fejn kont.

Ta' kuljum ġewwa l-Oratorju fil-5:30 ta' filgħaxija konna ninġabru kollha flimkien, kbar u żgħar, quddiem presepju li kien hemm armat fin-nofs tal-bitħa prinċipali tal-Oratorju. F'dak il-mument konna nwasslu messaġġ żgħir fuq il-Milied, jew dwar xi personaġġ mill-istorja tal-Milied, u ngħidu talba żgħira flimkien.

Il-*Posadas*. Tul in-novena ssir purċissjoni bix-xbihat tal-Madonna u ta' San Ġużepp fit-toroq biex ifakkru li dawn ma setgħux isibu lukanda f'Betlehem. Għalhekk, l-ewwel ikun hemm xi djar li apposta ma jiftħux, imma fl-aħħar ikun hemm dar li tiftħilhom u hemm tiġi ċċelebrata l-quddiesa u x-xbiehat jibqgħu hemm sal-għada minn fejn terġa' tkompli l-purċissjoni.

### Immisjajt xi ħaġa fil-Milied? X'inhi?

Il-ħin ma' tal-familja, speċjalment fil-jum tal-Milied.

Il-ksieħ... apparti ċ-ċajt (għax kien hemm is-sħana), immisjajt il-quddiesa ta' nofsilejl.

### Kif qattajtu l-Jum tal-Milied?

Kienet ġurnata pjuttost kwieta. Wara l-quddiesa ta' nofsillejl kien hemm 'agape' li matulu tqassmu r-rigali. Filgħodu kellna l-quddies u f'nofsinhar il-pranzu flimkien. Wara nofsinhar ċepilt ftit li tad-dar, u wara ċ-ċena flimkien qgħadna nilagħbu t-tombla.

Kienet ġurnata pjuttost kwieta: filgħodu għamilt *video call* ma' tal-familja u matul il-ġurnata kellna l-quddies bħal kull nhar ta' Ħadd. Lejliet il-Milied u fil-ġurnata ta' qabel morna nqassmu ġugarelli lit-tfal tal-villaġġi u *hampers* lill-familji foqra.

### Trid tgħid xi ħaġa oħra?

Din is-sena laqqgħetni ma' diversi esperjenzi sbieħ li fihom stajt inkompli nikber u nitgħallem, mhux biss fuqi nnifsi, imma wkoll kif nista' nwassal lil Kristu aktar qrib dawk li jinsabu 'il bogħod mill-Knisja.

L-esperjenza tal-missjoni hi verament *worth it*. Nixtieq li kulħadd ikollu ċ-ċans li jagħmilha tal-inqas darba waħda f'ħajtu. Naħseb ftit hemm affarijiet isbaħ milli tipprova twassal lil Ġesù għand l-oħrajn u tiltaqa' ma' Ġesù fl-oħrajn, speċjalment fil-foqra u dawk l-aktar fil-bżonn.

# MILL-GĦATBA 'L ĠEWWA...

Wara l-vaganzi tas-sajf, nhar it-Tnejn 18 ta' Settembru 2023, il-komunità tas-Seminarju tat bidu għal sena oħra ta' formazzjoni permezz tal-irtir tal-bidu tas-sena, li din is-sena sar flimkien mal-komunità tas-seminaristi Maltin ġewwa s-Seminarju Maġġuri tal-Arċisqof, fir-Rabat, Malta. L-irtir tmexxa minn Patri Ivan Scicluna Scicluna, Provinċjal tal-Ordni Kapuċċin f'Malta.



Nhar il-Ġimgħa 6 ta' Ottubru 2023, sar il-ftuħ uffiċċjali tas-sena formattiva 2023-2024 permezz ta' laqgħa għall-istaff akkademiku segwita minn quddiesa mmexxija mill-E.T. Mons. Anton Teuma, li għaliha kienu preżenti wkoll il-familjari tas-seminaristi. Din il-quddiesa kienet wkoll mument ta' apprezzament u ringrazzjament lil Mons. George Borg, Mons. Salv Grima u Mons. Lawrenz Sciberras, fi tmiem is-servizz tagħhom bħala *lecturers* fis-Seminarju tagħna wara iktar minn 40 sena ta' ħidma dedikata.



Nhar it-Tnejn 9 ta' Ottubru 2023, ilqajna fis-Seminarju lil Mark Attard mill-Parroċċa ta' San Ġwann Battista fix-Xewkija u lil Simon Zammit mill-Parroċċa ta' Marija Bambina fix-Xagħra li taw bidu għas-sena propedewtika.

Nhar l-Erbgħa 11 ta' Ottubru 2023, s-seminaristi Samuel Aquilina u Marlon Victor Bajada ġew ammessi għall-Ordni Sagri waqt il-Pontifikal immexxi mill-E.T. Mons. Anton Teuma fl-okkażjoni tal-anniversarju tal-konsagrazzjoni tal-Katidral ta' Għawdex. L-ammissjoni hija rit qasir fejn l-Isqof jaċċetta formalment it-talba tal-kandidat biex fil-futur qarib jiġi ordnat djaknu u eventwalment saċerdot.

Bejn nhar it-Tnejn 16 u nhar il-Ġimgħa 20 ta' Ottubru 2023, ġiet iċċelebrata Ġimgħa Missjunarja ġewwa s-Seminarju, fl-okkażżjoni ta' Jum il-Missjoni, li ħabat nhar il-Ħadd 22 ta' Ottubru. Matul din il-ġimgħa s-seminaristi organizzaw diversi attivitajiet marbutin mal-missjoni. It-tema kienet "Qlub imkebbsa, saqajn mexjin", ispirata mill-messaġġ tal-Papa Franġisku għal dan il-jum. Is-seminaristi ltaqgħu ma' xi studenti tal-iskola sekondarja tas-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù fil-klassijiet tagħhom, fejn wasslulhom messaġġ qasir bl-iskop li jgħaqqad il-messaġġ tal-Papa mal-esperjenza missjunarja li xi seminaristi wettqu riċentament. Matul din il-ġimgħa s-seminaristi segwew dokumentarju li sar riċentament dwar diskussjoni li kellu l-Papa Franġisku ma' grupp ta' żgħażagħ minn madwar id-dinja. It-talb u l-intenzjonijiet tal-komunità tas-Seminarju matul din il-ġimgħa kienu speċifikament indirizzati għall-missjunarji Għawdxin u l-komunitajiet li huma qegħdin jaqdu. Nhar l-Erbgħa s-seminaristi għamlu *video call* mal-E.T. Mons. George Bugeja, Isqof Għawdxi fil-Libja, li matulha qasam l-esperjenza missjunarja tiegħu. Nhar il-Ħamis il-komunità laqgħet fostha wkoll lill-missjunarju Dun Ġużepp Camilleri, li ġie jiċċelebra l-Ewkaristija.

Bejn is-Sibt u l-Ħadd, 28 u 29 ta' Ottubru 2023, il-komunità tas-Seminarju għamlet *Human Formation Weekend* bit-tema *Emerging adulthood*. Dan tmexxa minn Dr Marlene Cauchi ġewwa d-dar tas-sorijiet Sależjani fil-Qbajjar.

Nhar it-Tlieta 31 ta' Ottubru 2023, l-komunità tas-Seminarju kellha l-ewwel laqgħa għal din is-sena fost serje ta' laqgħat mensili mal-E.T. Mons. Anton Teuma, Isqof ta' Għawdex.

Fil-lejl ta' bejn it-Tlieta 31 ta' Ottubru u l-Erbgħa 1 ta' Novembru 2023, is-seminaristi flimkien mal-formators għamlu mixja magħrufa bħala Lungo Passeggio, li ssir kull sena. Din id-darba l-mixja saret fl-inħawi Ta' Sannat, ix-Xewkija, Għajnsielem u l-Qala.




F'rabta max-xahar ta' Novembru, li fih niftakru f'ħutna l-mejtin, il-komunità tas-Seminarju ċċelebrat Quddiesa fil-kappella taċ-ċimiterju tal-Għarb nhar il-Ħamis 2 ta' Novembru 2023.



Nhar is-Sibt 4 ta' Novembru 2023, tifkira ta' San Karlu Borromeo, is-Seminarju fakkar il-157 anniversarju mill-ftuħ tiegħu.

Nhar is-Sibt 11 ta' Novembru 2023, saret ukoll l-ikla ta' San Martin fis-sala tas-Seminarju.

Nhar l-Erbgħa 15 ta' Novembru 2023, l-Kan. Richard Farrugia u Dun Samuel Grech kienu mistiedna mill-komunità tas-Seminarju biex jiċċelebraw quddiesa b'radd il-ħajr għax-xogħol li għamlu sas-sena formattiva li għaddiet bħala rettur u viċi-rettur rispettivament.



Nhar l-Erbgħa 22 ta' Novembru 2023, is-seminarista John Xerri mexxa każ morali marbut mal-Kuxjenza Morali.

Nhar it-Tlieta 28 ta' Novembru 2023, l-komunità tas-Seminarju organizzat *outreach* fis-Sixth Form fejn is-seminaristi żaru l-klassijiet u fl-iskola Sir M. A. Refalo Sixth Form u wara qattgħu xi ħin fl-iskola jitkellmu mal-istudenti.



Bejn l-Erbgħa 29 ta' Novembru u s-Sibt 2 ta' Diċembru 2023, ġie organizzat live-in għall-istudenti għall-Grupp Djoċesan tal-Vokazzjonijiet 16+ tas-6th Form fis-Seminarju. Dawn l-istudenti kellhom l-opportunità li jduqu l-programm tas-Seminarju u jaraw mill-qrib f'hiex tikkonsisti l-ħajja ta' seminarista.



Bi preparazzjoni għall-bidu tal-mixja tal-Avvent, il-komunità tas-Seminarju ċċelebrat it-Tħabbira tal-Avvent nhar is-Sibt 2 ta' Diċembru. Waqt din iċ-ċelebrazzjoni ġiet imbierka wkoll ix-xbieha li ser tkun qed takkumpanjana matul din is-sena. Din hija xogħol ta' Nathanael Theuma u hija mibnija fuq is-silta 2 Kor 12, 9-10.



Nhar il-Ġimgħa 8 ta' Diċembru 2023, ġiet iċċelebrata s-solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-kappella tas-Seminarju permezz tal-quddiesa, il-liturġija tas-sigħat u talb Marjan ieħor. Ġiet organizzata wkoll ikla għall-istaff akkademiku.

Matul il-jiem tan-novena, is-seminaristi kellhom ġurnata kull wieħed li fiha waqt il-quddiesa ta' fligħodu qasmu ħsieb marbut mat-tħejjija għall-festa tal-Milied.

Nhar il-Ħamis 21 ta' Diċembru 2023, l-komunità tas-Seminarju kienet mistiedna għall-ikel għand il-Patrijiet Franġiskani Minuri li għandhom tliet studenti li bħalissa qed jistudjaw fis-Seminarju tagħna.

Nhar il-Ġimgħa 22 ta' Diċembru 2023, l-E.T. Mons. Anton Teuma mexxa quddiesa flimkien mal-komunità tas-Seminarju u li għaliha kienu mistednin ukoll il-familjari tas-seminaristi.

**IL-KOMUNITÀ TAS-SEMINARJU**
tawgura
*Milied u s-Sena t-Tajba*
qarrejja kollha u lill-ħbieb u lill-benefatturi tagħha.